**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 735/2019*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**-vs-**

**Silvio Camilleri, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 163884M.**

**Illum: 7 ta' Marzu, 2022**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **Silvio Camilleri** u cioe` talli:

1. Talli fl-4 ta' Diċembru 2019 għal ħabta tal-ħamsa u kwart ta' filgħaxija, ikkommetta serqa minn ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Remedies Pharmacy li tinsab fi Triq Abate Rigord kantuniera ma' Triq Giuseppe Cali ġewwa Ta' Xbiex, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-ħin u dan għad-dannu tas-sidien tal-istess stabbiliment u/jew persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra. *Artikoli 261(a)(b)(f), 262(b), 263(b), 270, 275, 276, 277(b), tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta*

2. Fl-istess data , ħin, lok, u ċirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li tarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Mariya Buchakova u lil Mark Caruana kontra l-volontà tagħhom *skond l-Artikoli 86, 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. Fl-istess data , ħin, lok, u ċirkostanzi waqt illi kien qiegħed jagħmel reat kontra il-persuna kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjoni. *Artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.*

4. Fl-istess data , ħin, lok u ċirkostanzi, ġarr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu arma tan-nar jew munizzjon mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija. *Artikolu 52 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.*

5. Talli fil-5 ta' Diċembru, 2019, għall-ħabta tas-18:15hrs ġewwa Triq Luqa Briffa, Gzira, bil-ħsieb li jagħmel delitt ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa w tletin ċenteżmu (€2329.37) u bil-ħin, għad-dannu ta' Stefania Pancrazi, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa indipendenti u aċċidentali mil-volontà tiegħu. *Artikoli 41(1)(a), 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(b), 263(b), 267, 270, 275 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

6. Fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa salv komplikazzjonijiet fuq il-persuna ta' Stefania Pancrazi skond kif iċċertifikat Dr. Stephanie Scerri MD4005 miċ-Ċentru Tas-Saħħa tal-Floriana. *Artikoli 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

7. U aktar talli f'dawn l-aħħar ġimgħat f'dawn il-gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Aaron Bugeja LL.D., fid-digriet tiegħu tal-5 ta' Lulju 2019 li bih ta il-ħelsien mill-arrest. *Artikoli 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

8. U aktar talli f'dawn l-aħħar ġimghat f'dawn il-gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Neville Camilleri LL.D. fid-digriet tiegħu tal-10 ta' Marzu 2016 li bih ta il-ħelsien mill-arrest. *Artikoli 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

9. Fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkustanzi irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tad-9 t'Awissu, 2021, permezz ta' liema bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:[1]

1. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 261(a)(b)(f); 262(b); 263(b); 270; 275; 276; 277(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 86; 87(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 41(1)(a); 261(a)(b)(c)(f); 262(1)(b); 263(b); 267; 270; 275 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 214; 215; 221(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fl-artikolu 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fl-artikolu 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
8. Fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
9. Fl-artikoli 49; 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
10. Fl-artikoli 383; 384; 385 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
11. Fl-artikoli 52 u 55(a) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat ma kellux oġġezzjoni biex il-każ jiġi hekk trattat.

Rat l-atti w id-dokumenti kollha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Dan il-proċediment jittratta imputazzjonijiet marbuta ma serqa li seħħet nhar l-4 ta' Diċembru, 2019 u tentattiv ta' serqa li seħħet l-għada, nhar il-5 ta' Diċembru, 2019. Fil-fatt l-imputazzjonijiet numru 1 sa 4 jirrigwardaw l-ewwel serqa, u dawk numru 5 u 6 it-tentattiv.

<u>Is-Serqa tal-4 ta' Diċembru, 2019</u>

Meta l-imputat ħa l-pedana tax-xhieda, ammetta ghall-ewwel serqa:

> *"Spettur, jekk jogħġbok – fl-erbgħa (4) ta' Diċembru tal-elfejn u dsatax (2019), fejn jiena dħalt ġol-farmacia, dik tal-kantuniera ta' Ta' Xbiex, .... Ir-Remedies. Jiena dħalt fil-farmacia, kelli lighter forma ta' revolver, dawn il-lighters revolver li kienu kien hawn ħafna fis-suq minnhom jiġifieri ma stajt tagħmel xejn ħlief*

[1] Fol.396-397

*nixgħel, u kien daqshekk kollox. Fil-fatt ix-xhieda din il-mara li neħħietli l-iscarf minn ġo wiċċi u lanqas għarfitni, imma jiena kont ġo dak id-dawl jiġifieri lanqas għarfitni, hi ħasbitha ċajta, ma riditx ittini l-flus; jien ma kellix oġġezzjoni oħra, stajt pereżempju ntiha bih għax kien bejn qisu plastik u ħadid hu, imma jiena l-għażla li għamilt li kienet li nżilt għall-cash float u ħadt lilha u jiena ħatfitlu l-iscarf minn wiċċi u jien ħrabt niġri 'l barra. Jiena ġrejt kemm flaħt ..... u dħalt fejn sibtu l-cash float l-għada, għaddejt minn Testaferrata, għaddejt minn Testaferrata, hi, il-mara nerġa' ngħidlek tal-farmacia ma riditx ittini l-flus tal-cash, bdejt nitlobha l-flus tal-cash, ma riditx ittihomli għall-ebda mod, però jiena lilha ma missejthiex lill-persuna fiżikament, kien hemm persuna oħra qiegħda tixtri u t-tabib, tabib minnhom kien dieħel għax għaraftu tabib minnhom, kien dieħel u qisu lanqas ta kas. Bdiet tgħidli li hemm il-pulizija qiegħda hemm wara biex tbeżżagħni. Jiena l-unika mod li għamilt li nżilt għall-float li kellha u ħrabt niġri biha. Hi sakemm jiena nżilt għall-float u jien nirreżisti magħha biex ittini l-flus tal-cash għax jiena fil-verità l-flus tal-cash ridt, imma ma riditx ittihomli, ma kellix alternattiva oħra ħlief ninżel, mingħajr ma missejt magħha, il-persuna li kienet wara l-cash register jiġifieri, u naħtaf il-cash float u nitlaq niġri. Sakemm jiena nżilt għall-cash float u dan, hi ġibditli l-iscarf minn wiċċi. Bqajt ħiereġ 'il barra, Sur Maġistrata, ġrejt u dħalt fejn instabet il-cash float fejn sabuha l-pulizija, dik il-villa l-abbandunata".*[2]

Konfrontata b'din l-ammissjoni l-Qorti ma tarax il-ħtieġa li teżamina l-evidenza prodotta fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet salv għal dak li ser jingħad -

Peress li l-arma li tissemma fl-imputazzjonijiet numru 3 u 4 baqgħet ma nstabitx, il-Qorti ma tistax tikkonkludi li dawn iż-żewġ imputazzjonijiet gew ppruvati soddisfaċentament. L-imputazzjonijiet jirrigwardaw arma regolari.

Fil-fatt ix-xhud **Mariya Buchakova** tgħid *"And he pointed something like a gun on me and ask me to open the cash.... He told me to give him the money in English or he will shoot me in English"*. Mill-banda l-oħra **Helen Farrugia** tiddeskrivi "l-arma" *"he pointed the gun on her head....We thought it was a joke because the gun was so small"*.[3]

Għalhekk tenut kont li ma ġiex pruvat li effettivament l-imputat kien qed jipponta arma regolari kif addebitat lilu, magħdud mal-probabilita` li dak li kellu f'idu kienet verament *lighter*, Camilleri ma jistax jinstab ħati tar-reati addebitati lilu bit-tielet u bir-raba imputazzjoni.

[2] Fol.403-404
[3] Fol.116. Traduzzjoni ghall-Malti ta' dik ix-xiehda a fol. 287-292

In kwantu għas-sekwestru tal-persuna kif addebitat fit-tieni imputazzjoni, jeżisti l-konkors formali mal-ewwel imputazzjoni peress li bħala wieħed mill-aggravji tas-serq hemm dak tal-vjolenza, u ċioe`, is-sekwestru tal-persuna kif ravvizat bl-artikolu 275 tal-Kodiċi Kriminali. Għaldaqstant tapplika l-piena l-aktar severa, dik għas-serq akkumpanjat *inter alia* bil-vjolenza kif ravvizat fl-imsemmi dispożizzjoni.

F'dan ir-rigward jingħad ukoll li japplika l-artikolu 277(b) tal-Kodiċi Kriminali biex b'hekk il-piena għall-ewwel imputazzjoni li hi dik ta' bejn **sena w erba' snin priġunerija tiżdied minn grad sa tnejn** mingħajr ma jittieħed kont tal-fatt li l-imputat hu reċidiv anke taħt l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali

It-Tentattiv ta' Serqa tal-5 ta' Diċembru, 2019

L-**Ispettur Lydon Zammit** spjega kif kien sar rapport li mara ġiet attakkata f'tentattiv li tinsteraq fi Triq Luqa Briffa, Gzira, hekk kif niżlet minn tal-linja qrib Savoy Hill. Persuna ġiet minn warajha u pruvat taħtfilha l-*handbag*,[4] u x'ħin hi baqgħet iżżommu sfat attakkata minn din il-persuna billi qalgħet daqqiet fuq wiċċha. Ġibidha għal mal-art u kien ser jibda jtiha bis-sieq iżda bl-għajjat tagħha inġabru n-nies u ħarab fid-direzzjoni tal-Gzira. Xhud okulari Sammy Farrugia li kien fir-residenza tiegħu x'ħin sema' l-għajjat, informa lill-pulizija li ra raġel **liebes** *hoodie* sewda, xagħru ta' quddiem iswed, tul normali w irqiq. Ġie determinat li l-vittma Stefania Pancrazzi sofriet ġrieħi ħfief.[5]

Id-dettal li l-aggressur kien liebes *hoodie* takkwista sinifikat partikularment meta jixhed l-imputat kif ukoll meta jiġu kunsidrati l-filmati.

L-Ispettur Zammit ikompli li waqt li l-pulizija kienet għada qed tinvestiga l-ewwel serqa, ġie identifikat l-imputat. Irriżulta li għal numru ta' ġimgħat ma kienx qed jiffirma l-*bail book*. Tfittxija fir-residenza tiegħu rriżultat fin-negattiv. Fid-9 ta' Diċembru, 2019, sar magħruf li l-lejl ta' qabel l-imputat talab li jiddaħħal Mount Carmel.

*Zarbun tal-Adidas*

Sussegwentement hekk kif kien qed jiġi arrestat ġie osservat li kien **liebes żarbun tal-Adidas bħal ma kien liebes il-ħalliel tar-Remedies (ritratt a fol.175)**.[6]

[4] Fol.29
[5] Fol.30. Vide Ċertifikat Mediku mmarkat **Dok.LZ4** a fol.46
[6] Fol.30-31

**Żarbun identiku** jidher f'saqajn dak l-aggressur fit-tentattiv tas-serqa hu w jiġri jaqsam ghal Triq Rue d'Argens kif ser jirrizulta aktar il-quddiem meta jiġu kunsidrati l-filmati esibiti!

**Iż-żarbun esibit fl-atti,**[7] **dak blu bit-tlett linji fil-ġenb sinonimi mad-ditta Adidas, hu identiku ghal dak milbus fi żewġt okkażjonijiet msemmija.** Dan ġie kkonfermat mill-Qorti nnifisha.

<u>*Identifikazzjoni tal-Imputat minn Xhud Okulari*</u>

L-ispettur Zammit kompla kif **Sammy Farrugia kien identifika lill-imputat** meta muri disa' ritratti w anke ffirma taħt l-immaġini tiegħu, kif fil-fatt juri d-dokument ippreżentat.[8] F'dan id-dokument jidhru disa' (9) *mug shots* ta' irġiel quddiem l-istess *background.* Farrugia *"**fl-uffiċċju tiegħi kien għaraf lil Silvio Camilleri** li qiegħed fir-ritratt numru wieħed (1). **Hu kien iffirma fuq dan id-dokument** u kif ukoll kont iffirmajt jien bħala x-xhud ta' din id-dikjarazzjoni li kien għamel Sammy Farrugia. Dan sar fid-disgħa (9) ta' Diċembru tal-elfejn u dsatax (2019) fl-uffiċċju tiegħi.".*

<u>*Stqarrija*</u>

Meta ittiħdietlu l-istqarrija[9] fil-bidu ma weġibx iżda wara ammetta dwar l-ewwel serqa; tajjeb jingħad li f'din is-serqa impjegata tal-farmaċija kienet kixfitlu wiċċu li nqabad fuq il-*footage* w b'hekk il-Pulizija setgħet tidentifikaħ! Għalkemm pressat biex jagħti dettalji fejn u ma min kien waqt li seħħ it-tentattiv tas-serqa ħarab mid-domandi w qal li <u>ma jiftakarx</u>.[10]

**Sammy Farrugia** spjega li hu joqgħod fl-ewwel sular fi triq Luqa Briffa. Sema' għajjat u ħareġ fil-gallarija *"rajt wiehd pass mghaħħel tiela' u fi split second **hares lejja**. **Kellu hoodie fuqu** u kien liebes kollox iswed u **hemmhekk jien rajt wiċċu**".* Nizel jassisti lit-tfajla li kellha wiċċha bid-demm. Għalkemm ma rahx l-inċident ra lill-**aggressur jiġri u dar max-xellug ma Muscat Motors**.[11] Iddeskriva lil din il-persuna ta' karnaġġon bajda, xagħru iswed, mhux irqiq u bi ftit leħja ħafifa iżda fl-awla baqa' ma identifikax lill-imputat bħala l-aggressur. Farrugia jagħti it-tul tiegħu bħala dik ta' 169-170cm u jgħid li l-aggressur kien ftit itwal minnu.

---

[7] **Dok.DC1** a fol.297
[8] Vide **Dok.LZ8** a fol.50
[9] **Dok.LZ7** a fol. 49
[10] Fol.31.
[11] Fol.129

Fil-fatt il-*mug shot* turi lill-imputat b'tul ta' 181cm ċirca.[12] Mhux ta' b'xejn ma sab l-ebda diffikultà biex identifikaħ Farrugia fl-stadju bikri tal-investigazzjoni. Wara kollox kif xehed l-istess Farrugia, l-aggressur kien ħares dirett lejh.

Jirrizulta wkoll li d-deskrizzjoni tal-aggressur li jagħti Farrugia meta jixhed *viva voce* **taqbel perfettament mal-immaġini tal-imputat fil-*mug shot*** li kien ittieħidlu w li l-istess Farrugia kien identifikaħ minn;[13] bniedem ta' **karnaġġon bajda, xagħru iswed, ma kienx bniedem irqiq u kellu ftit leħja ħafifa**! Deskrizzjoni identika għad-dehra tal-imputat hu w jagħmel is-serqa ġewwa Remedies Pharmacy fil-jum ta' qabel.[14]

Mhux ta' b'xejn Farrugia identifikaħ mingħajr diffikultà fid-9 ta' Diċembru, 2019[15] meta kienu għaddew biss erbat ijiem minn meta kien ra wiċċu! Iktar rilevanti minn hekk **Farrugia jixhed li l-aggressur dar ghal ma Muscats Motors** u fil-fatt, il-*footage* tal-istess intrapriża, **juri lill-imputat għaddej preċiżament minn ħdejn l-istabbiliment** li jsemmi Farrugia. Tali stabbiliment għandu l-parti ta' wara tiegħu (*service department*) li tinsab fl-istess triq fejn seħħet l-aggressjoni, Triq Luqa Briffa.

Din il-parti wkoll qabdet l-imputat jiġri minn quddiem is-cctv u jdur lejn Bieb it-Torri li jinsab mal-ġenb tal-istabbiliment fejn reġa' inqabad wiċċu jidher ċar għaddej quddiem cctv camera oħra![16]

Għalhekk, il-fatt li sitt xhur wara l-akkadut, Farrugia baqa' ma identifikax pożittivament lill-imputat ġewwa l-awla, ma jnaqqas xejn mill-valur probatorju ta' **l-assjem ta' provi w fatti appena msemmija li lkoll jippuntaw f'direzzjoni waħda. L-aggressur ta' Pancrazi kien ħadd għajr Silvio Camilleri** kif tidentifikaħ l-istess Pancrazi.

*Il-Filmati*

**PS1337 Kevin Curmi** ippreżenta *cctv footage* meħud minn Muscat Motors.[17] Minn dawn il-filmati inħarġu *stills* minn **Dr. Steven Farrugia Sacco**.[18] Fil-hin ta' **18:13-18:14** – l-istess ħin li ssemmi l-vittma - jidher il-persuna fil-viċinanzi ta' Muscat Motors, **l**-istess direzzjoni li lejha Farrugia jixhed li mar l-aggressur kif

[12] **Dok.LZ8** a fol.50
[13] **Dok.LZ8** a fol.50
[14] Fol.192-195
[15] Fol.51
[16] Fol.267-270
[17] Fol.95. *Footage* mmarkat **Dok.KC1** u **Dok.KC2** a fol.97
[18] Fol.252 et seq.

ħarab minn fuq ix-xena: ***"dar max-xellug ma Muscat Motors."***[19]**.** Muscats Motors, li għadda l-filmati tas-*cctv cameras* li jdawru l-istabbiliment tiegħu, jinsab fuq ix-xellug ta' Triq Luqa Briffa, il-post tal-aggressjoni!

Fil-fatt **PC1404 Dale Cassar** jispjega li kien mar ma PS Curmi jiġbor il-*footage* mingħand Muscat Motors, peress li kien viċin fejn seħħet p-aggressjoni fuq il-vittma. Kien ix-xhud li analizza l-*footage "rajtu sew sal-hin li sar il-kaz u deher persuna jiġri lejn Muscat Motors jigifieri lejn ir-rounabout. Dan il-persuna kien liebes **hoodie griza** ..qalziet skur u żarbun **Adidas bil-lazz"***. Kien ġie identifikat l-imputat u sar magħruf li kien detenut Mount Carmel. Cassar arresta lill-imputat ma PS Curmi biex jesegwixxu l-arrest tal-imputat u hemm **fil-ħin li Camilleri qed jiġi arrestat kien liebes l-istess żarbun**: *"Innutajt ukoll iz-zarbun li kien libes is-Sur Silvio Camilleri dak il-hin kien **l-istess żarbun li gie jidher fil-filmat ta' Muscat Motors li kont ghadni kemm gbart minn hemm**".*[20] Iż-żarbun Adidas[21] ġie esibit flimkien mar-riċevuta relattiva.[22]

Il-Qorti eżaminat b'reqqa l-filmati esibiti. Il-programm li ntuża biex jiġi eżaminat il-filmat kien *VLC Media Player* peress b'*software* ieħor bħal *Potplayer* l-istampa kienet sfumata.

- Id-disc **KC1** tinkorpora l-partijiet saljenti minn tlett cameras li fihom jidher l-imputat. **Cameras 8 u 13 juru wiċċu liebes il-*hoodie***. Camera oħra 10 JAG EXT iġġib lill-imputat jiġri jaqsam lejn ir-*roundabout* għadu **liebes *hoodie*** quddiem Muscats Motors eżatt kif spjega Sammy Farrugia. **Fil-fatt l-imputat dejjem jidher jiġri bil-*hoodie* mtella' ma rasu!**[23]

- **KC2** jikkonsisti f' Disc 2 u f' Disc 3: Disc 2 tikkontjeni *footage* minn Cameras 9 u 10 JAG EXT, filwaqt li Disc 3 tikkontjeni *footage* minn Cameras 11 u 13 JAG EXT.

Muscat's Motors li mingħandhom ittieħed il-filmat, għaddew *footage* minn camera DEV08 JAG EXT[24] li evidentement tinsab fuq in-naħa ta' wara tal-stabbiliment fi Triq Luqa Briffa. Din it-triq, twasslek ghal Rue D'Argens, fejn hemm ir-*roundabout*, u malli ddur mal-istabbiliment hemm l'hekk imsejjaħ Bieb it-Torri li l-arkata tiegħu tidher fil-filmat. Fil-fatt minn dan il-*footage* (18:13:57 - 18:14:00) **jidher ċar kristall l-imputat ġej jiġri, bil-*hoodie* mdeffsa f'rasu**.[25]

[19] Fol.129-130
[20] Fol.294-294A
[21] **Dok.DC2**
[22] **Dok.DC1** a fol.297
[23] Vide ukoll *stills* a fol.267-277
[24] **Dok.KC1**
[25] Fol.267-270

Dan meta fix-xhieda tiegħu *viva voce* Camilleri jigdeb li hu kien mingħajr *hoodie* fit-tentattiv fjakk biex jagħti l-impressjoni li ma kellux għalfejn jaħrab minn fuq il-post u jaħbi wiċċu. Jgħid ukoll li kien mixi b'pass normali meta l-filmat jurih il-ħin kollu jiġri tant li jaħbat ġo raġel hu w jħares lura biex jara kienx qed jiġi segwit!!

- Dev13 JAG EXT[26]

Fil-fatt hu dan il-filmat li fil-ħin ta' 18:14:02-18:14:06 jidher l-imputat **jiġri quddiem waqt li kontinwament iħares lura tant li jibqa' dieħel f'raġel miexi fuq il-bankina[27].** Liebes *runners* identiku għal dak esibit in atti kif ukoll għal dak li kien liebes l-imputat fis-serqa mir-Remedies Pharmacy**.**

- Dev09 JAG EXT[28]

18:14:17-18:14:19 jidher persuna bl-istess ilbies jaqsam it-triq propju fejn hemm ir-roundabout, eżatt kif spjega Sammy Farrugia.

- DEV10 JAG EXT[29]

18:14:16-18:14:19 jidher persuna maskili liebes l-istess ilbies inkluż il-*hoodie* u **żarbun** jaqsam ghal fuq ir-roundabout propju mid-direzzjoni li twassal ghal Triq Luqa Briffa

*Ir-Runners li kien liebes Camilleri meta arrestat*

Il-Qorti wara li eżaminat l-*stills* mir-Remedies Pharmacy u l-*footage* meħud mingħand Muscats Motors, eżaminat ukoll iż-żarbun li ġie esibit in atti, **Dok.DC2.** Ma hemm l-ebda dubbju li dan iż-żarbun hu **identiku** bħal dak li kien liebes l-imputat meta wettaq is-serqa fir-Remedies kif ukoll bħal dak li liebes l-aggressur ta' Pancrazi li jidher fuq il-filmati, senjatament hu w jaqsam Rue d'Argens u kif miexi fuq il-bankina quddiem ix-*showroom* (fol.272).[30]

---

[26] **Disc 3**
[27] *Stills* relattivi a fol.275-277
[28] **Disc 2**
[29] **Dok.KC1**
[30] Għalkemm l-E*xhibits Officer* fuq l-irċevuta jiddeskrivi ċ-żarbun bħala iswed (fol.376), m'hemmx dubbju li l-kulur hu dak ta' blu skur kif deskritt fuq l-irċevuta maħruġa mill-pulizija (fol.296).

*Xhieda tal-vittma*

**Stefania Pancrazi** xehdet kif fil-5 ta' Diċembru bejn is-6pm u 6.15pm hi u tirritorna lura lejn darha fi triq Luqa Briffa semgħat xi ħadd jiġri *"F'daqqa waħda xi ħadd ħatafli l-handbag"* minn fuq spallitha. Ghall-ewwel ħasbet li kienet ċajta w daret iżda ndunat li ma kienx wiċċ familjari. *"Bqajt inzomm il-handbag. We struggled. Wasalna sa nofs it-triq….Ragel. Qabad jagħtini d-daqqiet ta' ponn f'wiċċi. Ma nafx kemm domna struggling. Imbgħad f'hin minnhom qalli "Leave it. Leave it". Ovvjament ghall-handbag. Imbuttani bil-handbag stess. Waqajt mal-art. …at one point rajtu qisu ġej jiġri lejja, ħares lejn din in-naħa tat-triq , imbgħad ħares lejn in-naħa l-oħra, qisu ppanikja u telaq jiġri. Kien hemm ħafna nies,* ***kien hemm persuna fil-gallerija li qal li jagħrfu li kieku jarah****".*[31]

Din l-aħħar sentenza tkompli ssaħħaħ il-fatt li fil-kors tal-investigazzjoni **Sammy Farrugia tassew identifika lill-imputat**.

Ix-xhud tiddeskrivi lill-aggressur bħala raġel li kien itwal minnha, ma kellux wiċċu mogħtti. Għalkemm tistqarr li fil-bidu ma setgħetx tagħti deskrizzjoni tiegħu **għarfet lill-imputat hekk x'ħin ratu dieħel fl-awla *"mill-ewwel"*.**[32] Peress li bdiet titlef ħafna demm minn imnieħirha ttieħdet il-Polyclinic. Wiċċha kien imbenġel u minfuħ. Baqgħet miġugħa sal jum li xehdet. Kompliet li fil-*handbag* kellha *mobile* Samsung li jiswa mal-€200 u xi €30 flus. Magħhom kien hemm l-*identity card, credit card,* ktieb u ċwievet. Pancrazi ppreżentat sett ritratti[33] li juru l-istat pjetuż li spiċċat fih wara x-xeba' li qalgħet mingħand l-imputat.[34]

Il-ġrieħi tagħha gew konfermati minn **Dr. Stephanie Scerri** *"kien hemm tbengila fuq saqajn il-pazjenta, kien hemm ukoll girfa zghira f'geddumha li kienet superficjali. Kien hemm ukoll tbengila fuq imniehrha u blood clots ġewwa imniehirha u kienet ukoll migugha fil-maxillary process …taht ghajjnejha".* Intbagħtet l-emerġenza minħabba l-*blood clots* f' imnieħirha. Il-ġrieħi kklasifikathom bħala *slight save complications.*[35]

**Silvio Camilleri,** l-imputat**,** għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda. Kif ġa ingħad ammetta għas-serqa li seħħet fir-Remedies Pharmacy Ta' Biex nhar l-4 ta' Diċembru, 2019.[36] L-ispjegazzjoni li jagħti ghall-presenza tiegħu fil-filmati li jirrigwardaw l-aggressjoni tal-5 ta' Diċembru, 2019, hi li nzerta għaddej minn

---

[31] Fol.87
[32] Fol.88
[33] **Dok.SP1** a fol.91 et seq
[34] Fol.89
[35] Fol.125
[36] Vide *supra* fol.3-4

dawk l-akkwati biex jiffinanzja l-vizzju tiegħu ta' teħid ta' droga, *"Mela triqti, biex jiena nsostni l-vizzju tiegħi,… Jiġifieri, ridt immur insostni, bilfors minn dik it-triq kelli ngħaddi, bilfors mit-triq ta' fejn qed tgħidu li għamilt it-tieni reat".*[37],

Konvenjentement jibqa' ma jindika l-ebda post preċiż jew abitazzjoni minn fejn kien jixtri d-droga![38]Dan meta dik il-parti tal-Gżira hi massa ta' toroq li jinfdu ma xulxin!

**Kien ikun aħjar kieku l-imputat ma xehedx għaliex ix-xiehda tiegħu wrietu** bħala bniedem inveritjier w saħansitra kompliet issaħħaħ il-każ kontrih!

Wera kemm il-giddieb hu verament għomru qasir meta jixhed li tant ma kellux x'jaqsam mal-aggressjoni li hu kien ***miexi b'pass normali u mingħajr ma kien liebes hoodie***[39].

Jikkontradixxu din id-dikjarazzjoni hemm l-*stills* u l-filmati li rat il-Qorti li juruh **liebes il-**hoodie l-ħin kollu li jidher fil-filmati hu w **jiġri** minn Triq Luqa Briffa, jiġri tul Rue D'Argens fuq il-bankina quddiem ix-*showroom* ta' Muscat's Motors. Hemm jidher ferm apprensiv; **jibqa' jagħti ħarsiet lura tant li waqt li qed jiġri w jħares lura, jibqa' dieħel go raġel** miexi ghall-affari tiegħu fuq il-bankina! Altru li d-deskrizzjoni ta' x'kien liebes, il-pass mgħaġġel li bih ħalla x-xena u l-fejn ġibed l-aggressur ta' Pancrazi, mogħtija mix-xhud okulari Farrugia, qabblet perfettament ma dak li kien liebes l-imputat, id-direzzjoni li ħa w l-ġirja tiegħu li ma kienet assolutament xejn waħda pawżata!

Jinqabad waħdu meta jiġi mistoqsi fuq *still* partikolari – li juri parti mill-arkata ta' Bieb it-Torri[40] li jinsab fi trejqa bejn Triq Luqa Briffa u Triq Rue d'Argens u jgħid li hemm *"huwa wara l-kantuniera".* Huma dawn ir-**ritratti li juri lill-imputat jiġri minn Triq Luqa Briffa, lejn Triq Rue d' Argens liebes il-hoodie f'rasu**.[41] Altru mhux kif jixhed li *"Issa dan ir-reat ma ġabnix jiena qed immiss lill-mara, jiġifieri just jien miexi normali pass normali, huwa naħseb minnu dan li qed ngħid, miexi pass normali, mhux bil-hood, bla hood,"*[42] Fil-fatt il-filmat meħud minn Dev13 JAG EXT[43]fil-hin ta 18:14:02-18:14:06 jurih jiġri bil-*hoodie* f'rasu, waqt li kontinwament iħares lura tant li jibqa' dieħel f'raġel miexi fuq il-bankina. Ma tantx kien pass normali li kien miexi bih Camilleri filwaqt li l-*hoodie* qatt ma jaqlahha minn ma rasu![44]

---

[37] Fol.406
[38] Fol.405
[39] Fol.406
[40] Vide filmat u *stills* a fol.267-270
[41] Ara *stills* a fol. 271-272
[42] Fol.406
[43] **Disc 3**
[44] Vide filmat u *stills* a fol.267-277

L-imputat jikkonferma li *"**Eħe, il-vittma għarfitni**. …. Il-vittma, il-vittma – iva, għandi xi ngħid ta. ……Il-vittma għalija, jiena gidbet….. Ħa ngħidlek għala, għax din, one, qed tgħid li jiena tajtha daqqa minn wara ta' ponn u tfajtha fl-art, sewwa? Mela qegħdin **fid-dlam, ċappa**, tajtha daqqa ta' ponn u tfjatha fl-art, ħadtilha l-handbag u għarfitni. U mela d-daqqa tiegħi ta' xi kilo?! Fhimtha? Qiegħda tifhimni Sur Maġistrata? Din li qed nipprova ngħid jiena"*[45]

Hu ferm pront l-uffiċjal prosekutur biex ikompli jistaqsi lill-imputat kif <u>kien jaf li kien dlam ċappa</u> jekk ma kienx involut fl-aggressjoni, u Camilleri isib diffikultà kbira jagħti spjegazzjoni għal din il-*freudian slip!* Tant tħawwad ghad-domandi li jsirulu li r-risposti ma jsegwux:

> *"Pros: Inti għadek kif semmejt dlam ċappa,*
> *Ix-xhud: mhux dlam ċappa kien hemm! Pros: Kif taf li kien hemm dlam ċappa, fejn ġara l-inċident?*
> *Ix-xhud: Inti taf fejn qed tgħid sew, Sur Maġistrata – ?*
> *Il-Qorti: Staqsiek domanda leġittima!*
> *Ix-xhud: Eh.*
> *Il-Qorti: Inti f'salt wieħed semmejt li kien dlam ċappa,*
> *Ix-xhud: mhux kif diġà għidt qabel! Jien biex immur ninqeda għas-sustanza tiegħi, jekk mhux mit-triq tar-Remedies, irrid ngħaddi minn hemm bilfors. Pros: Mhux it-triq tar-Remedies, Silvio! L-inċident ma ġarax fit-triq tar-Remedies, ġara –*
> *Ix-xhud: imma biex immur għall-cash float minn hemm kelli ngħaddi!*
> *Il-Qorti: U għaliex kellek tmur dlam ċappa?*
> *Ix-xhud: X'inhu?*
> *Il-Qorti: Għaliex dlam ċappa?*
> *Ix-xhud: Bilfors minn ġo dik it-triq trid tgħaddi Sinjura.*
> *Il-Qorti: Mhux qed ngħidlek bilfors ġo dik it-triq! Għaliex kellek tmur fi dlam ċappa?*
> *Ix-xhud: Jekk inti tkun għamilt hold-up ilbieraħ, ħa mmur fid-dawl ta' filgħodu?!*
> *Pros: Silvio, l-inċident ma ġarax, naqblu li f'dawk il-cameras mhumiex il-post eżatt, qiegħed ftit metri 'l bogħod minn fejn ġara l-inċident dawk il-cameras iġibu, tajjeb? Issa, hemmhekk ma jidhrix dlam ċappa; kif taf li fil-post fejn ġara l-inċident –*
> *Ix-xhud: u dlam ċappa, issa jiġifieri mhux qed ngħidu –*
> *Il-Qorti: dħalt għaliha issa Silv, attent, kif se toħroġ minnha, attent!*
> *Ix-xhud: Ma nafx hux."* [46]

[45] Fol.410
[46] Fol.411

Fid-dawl tar-riżultanzi proċesswali rigward l-imputazzjonijiet numru 5 u 6 il-Qorti issib li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-każ tagħha tat-tentattiv ta serqa bi vjolenza fejn il-vittma soffriet ġrieħi ħfief.

Mill-*footage* jirrizulta ċar li kien id-dlam tant li l-vetturi għandhom id-dwal mixgħulin u għalhekk jirrizulta l-aggravju tal-hin. L-aggravju tal-valur ukoll ġie pruvat iżda ma jirriżultax li l-valur tal-*handbag* u l-kontenut tiegħu kien jeċċedi l-€2329.37.

Dawn ir-riżultanzi huma magħmulha kemm minn provi diretti - Pancrazi identifikat lill-imputat, Farrugia identifikaħ minn *mug shots* u taha deskrizzjoni tiegħu li wasslet sabiex jiġi rintraċċjat minn *footage* li nġib propju mill-istabbiliment li semma Farrugia – kif ukoll minn provi indiretti, l-ilbies tiegħu w senjatament iż-żarbun, id-deskrizzjoni mogħtija tiegħu minn Farrugia li taqbel mal-immaġini tiegħu fil-*footage* u fuq il-*mug shots,* il-filmati li juruh liebes kif qal ix-xhud okulari u jiġri lill'hinn minn fejn seħħet l-aggressjoni u fid-direzzjoni li indika l-istess xhud u finalment ix-xiehda tal-imputat li hi bla sens, mħawwda u kontradetta minn provi diretti.

L-abbli difiża għamlet riferenza ghal valur probatorju mistenni minn provi indiretti jew jaf, u għalhekk ser issir riferenza ghall-sentenza tal-Qorti tal-appell Kriminali **il-Pulizija vs Manuel Abela**[47] fejn fi ftit kliem dik il-Qorti ġabret dak li hu mistenni mill-prosekuzzjoni iġġib il-quddiem biex tipprova l-każ tagħha abbażi ta' provi simili:

> **.....skond is-sentenza fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs George Spiteri[48] mogħtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 ġie ddikjarat is-segwenti:**
>
> **Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.**
>
> **L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tiegħu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit**

[47] Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D. Appell Nru: 129/2019; Deciza 30 ta' Settembru, 2020

[48] [Ippreseduta mill-Imħallfin Arrigo Noel V., Filletti Joseph A., Vella Patrick.]

**ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.**

**Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.**

Madankollu skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Cyrus Engerer ġie ppuntwalizzat ukoll illi:

**'...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'.**[49]

Hi propju din iċ-ċertezza morali li għandha l-Qorti meta kkunsidrat il-provi kollha miġjuba l-quddiem. Ċertament ma kienux jinħtieġu l-ebda improntі diġitali tal-imputat fuq il-*handbag* tal-vittma kif donnha tippretendi l-abbli difiża fis-sottomissjonijiet finali tagħha.

Daqstant ieħor ġie pruvat li l-imputat wettaq offiżi ta' natura ħafifa fuq Stefania Pancrazi kif addebitat lilu bis-sitt imputazzjoni.

<u>Ksur ta' Kundizzjonijiet tal-Bail</u>

L-ispettur esebixxa żewġ *bail books*[50] li juru kif l-imputat ma kienx qed jiffirma l-Għassa ta' Sliema skond il-kondizzjonijiet li fuqhom ingħata l-ħelsien mill-arrest.[51]

Zammit ippreżenta wkoll il-kundizzjonijiet dwar ħelsien mill-arrest mogħti mill-Imħallef Dr. Aaron Bugeja fil-5 ta' Lulju, 2019[52] kif ukoll dawk mogħtija mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri fl-10 ta' Marzu, 2016.[53]

---

[49] [Deċiża mill-Imħallef Michael Mallia nhar it-8.5.2014.]
[50] **Dok.LZ9** u **Dok.LZ10** a fol.52
[51] Fol.98
[52] **Dok.AD1** a fol.99-100 *tergo*
[53] **Dok.AD2** a fol101

Ġie reġistrat qbil mill-abbli difiża li l-proċeduri li dwarhom ingħataw il-kondizzjonijiet dwar ħelsien mill-arrest għadhom pendenti.[54]

Fil-kundizzjonijiet mogħtija mill-Imħallef Bugeja tinstab dik bin-numru 5 fejn l-imputat ġie obbligat li jiffirma kuljum fl-Għassa ta' tas-Sliema[55] u dan taħt depożitu ta' €2,000 u garanzija personali ta' €8,000, (somma komplessiva ta' €10,000). L-Ispettur Joseph Mercieca xehed kif dawk il-kondizzjonijiet baqgħu mhux varjati.[56]

Fil-kundizzjonijiet mogħtija mill-Maġistrat Camilleri l-imputat kellu obbligu jiffirma l-Għassa ta' Birkirkara kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa w l-Ġimgħa u dan taħt depożitu ta' €5,000 u garanzija personali ta' €10,000 (somma komplessiva ta' €15,000).

Mill-*bail books* jirrizulta li l-aħħar li ffirma fl-Għasses ta tas-Sliema[57] u f'ta' Birkirkara[58] kien fil-25 ta' Novembru 2019.

Għaldaqstant m'hemmx dubbju li l-imputat naqas milli jaderixxi ma dawn il-kondizzjonijiet li fuqhom ingħata l-ħelsien mill-arrest mill-Qorti Kriminali u mill-Qorti tal-Maġistrati.

<u>Addebitu tar-Reċidiva</u>

L-Ispettur Lydon Zammit esebixxa numru ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tal-imputat li tiegħu jirriżultaw il-konnottati.[59] Permezz ta' dawn is-sentenzi l-imputat instab ħati ta' reati kontra l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (maġistrat Dr. Natasha Galea Sciberras 1 ta' Diċembru 2014) u serq (Magistrat Dr. Doreen Clarke 19 ta' Lulju, 2012, 28 ta' Jannar, 2008 fejn gie kkundannat ghal 3 snin priġunerija; Magistrat Dr. Antonio Mizzi 4 ta' Mejju, 2005; Magistrat Dr. Anthony G. Vella 28 t'April, 2005 fejn ġie kkundannat ghal sentejn priġunerija).

Għaldaqstant fil-konfront tiegħu jirrizulta l-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-artikoli 49, 50 u **289** tal-Kodiċi Kriminali.

---

[54] Verbal tas-seduta tas-7 ta' Frar, 2022
[55] Fol.100
[56] Fol.399-400
[57] **Dok.LZ10**
[58] **Dok.LZ9**
[59] **Dok.CP1** sa **Dok.CP5** a fol. 300-320

Ikkunsidrat,

**Il-Piena**

Fir-rigward tal-piena l-Qorti qieset in-natura serjissima tar-reati li dwarhom qed tinstab ħtija, tal-kondotta refrattarja tiegħu, tal-fatt li l-imputat ma wera l-ebda rimors ghall-għemilu w għaldaqstant m'hemmx dubbju li għadu mhux f'pożizzjoni fejn jirrejalizza kif il-konsegwenzi ta' għemilu huma ta' theddida għas-soċjetà w ghall-patrimonju ta' membri taghha li bl-għaraq ta' xbinhom ikunu ħadmu għalih. Ma għandux jitħalla jkun l-imputat li jieħu bil-forza, anzi bil-vjolenza dak il tul ħajjithom u b'xogħolhom ikunu ħadmu qatigħ għalih!

Il-Qorti qieset dak li xehdet il-Probation Officer. Ittieħed kont tal-mod kif irritalja l-imputat fil-konfront tal-istess uffiċċjal, minkejja li kien fil-presenza tal-Qorti w tal-pulizija, fejn ma żammx lura milli jinsulentaha talli wettqet xogħolha - dan fuq talba tad-difensur tiegħu stess. Dak l-aġir wassal il-Qorti timmultaħ multa ta' €300 fejn wera li minn xejn ma jibża, xejn ma jrażżnu, ma tgħallem xejn minkejja li detenut u ilu jduq il-Ħabs!

Fir-rapport tagħha l-Probation Officer tgħid dan *"Minkejja l-problema ta' Silvio huwa ghamel diversi programmi u prova jindirizza l-problema b'kull mod possibli…….Ghaldaqstant l-ghodda tal-programm u l-ghodda kif jagixxi jafhom sew. Il-programm ukoll ghenuh ghax ghamel certu korsijiet mal-ITS u fil-fatt huwa ghandu l-kwalifiki biex isir chef pero dan qatt ma kienu bizzejjed biex jghinu lil Silvio izzomm lura mill-problemi relatati mad-droga ghaliex jagħmel zmien il-habs. Silvio ilu diehel u hiereg mill-habs min mindu kellu sittax il-sena. Jaghmel perjodu l-habs johrog u jerga jirrilapsja. Ghal din ir-raguni wiehed isibha difficli minkejja li jghid li sejjer tajjeb u li issa behsibu sejjer tajjeb wiehed isibha difficli li wiehed jara li Silvio ha jiffunzjona barra ghaliex il-habs ikun qed jiffunzjona tajjeb izda imbaghad barra jerga jirrilapsja."*

Il-Qorti ma tistax ma tagħtix piż lill-fatt li l-imputat għandu l-vjolenza tiġri f'demmu. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo** ġie kkunsidrat:[60]

> Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.
>
> Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg

[60] Per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, Deċiża 14 ta' Frar, 2013; Kump. Nru.711/2008

car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.[61]

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu ……

Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[62]

Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu; …..

Il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha dan xi ttenni fil-proċeduri **Il-Pulizija vs Josef Camilleri:**[63]

Illi umbaghad, kif anki gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (diversament preseduta) fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi"** [30.7.2004] : -

*"… bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija b' effett immedjat . Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruha f' xi forma ta' vjolenza fizika* " (sottoliear ta' din il-Qorti)

u zgur li f' dan il-kaz l-appellant wera grad gholi ta' prepotenza w arroganza fl-incident de quo li ma jistax jigi kondonat mill-Qrati.

Minn naħa tagħha l-Qorti Kriminali fis-sentenza fuq Ġuri fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Victor Pace** qalet:[64]

Dan it-tip ta' agir li, fortunatament f'dan il-kaz, ma kellux konsegwenzi aktar tragici, ma jista' jigi qatt kondonat mill-Qrati li ripetutament irritenew li "l-vjolenza ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat, aktar u aktar fejn jintuzaw armi" w li "mhuwiex inoltre tollerabbli li f'socjeta' civili persuna ggorr arma fuqha kontra l-ligi – hi x'inhi r-raguni." (Ap. Krim. Ir-Repubblika ta' Malta vs. Noel Mizzi [15-12-2005] u ohrajn). Ghalhekk l-insenjament tal-oghla Qorti fil-kamp penali huwa li f'dawn il-kazijiet m'ghandix tinghata sentenza ta' prigunerija sospiza imma wahda effettiva w immedjata.

---

[61] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Deċiża 28 ta' Novembru, 2006.

[62] **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Deċiża 22 ta' Settembru, 2009.

[63] Per Onor. Imħallef Joseph Galea Debono; Deċiża 15 ta' Novembru, 2007. Appell Nru. 268/2007

[64] Per Onor. Imħallef Joseph Galea Debono; Deċiza fil-25 ta' Jannar, 2006; Att t' Akkuża Nru. 27/2003

Ma jridx jintesa li l-imputat instab bati li hu reċidiv taħt l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali wkoll filwaqt li l-ksur tal-kondizzjonijiet dwar ħelsien mill-arrest kien jikkonsisti fl-għemil vjolenti in deżamina. Għaldaqstant id-deċiżjoni ta' din il-Qorti tkun qed tonqos serjament jekk ma tirriflettix dawn il-konsiderazzjonijiet appena magħmulha, inkluż meta qed tiddeċiedi dwar il-konfiska tal-garanziji imposti.

Fir-rigward tas-serqa minn Remedies Pharmacy, mingħajr ma jittieħed kont tal-piena talli reċidiv taħt l-artikoli 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, japplika l-artikolu 277(b) tal-Kodiċi Kriminali biex b'hekk il-piena kontemplata bl-artikolu 275 tal-Kodiċi, dik ta' bejn sena w erba' snin priġunerija tiżdied minn grad sa tnejn.

**Decide**

Filwaqt li qed jiġi liberat mit-tielet u mir-raba imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31, 41(1)(a), 49, 50, 86, 87(1)(e), 214, 221(1), 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b), 263(b), 267, 270, 274(c), 275, 277(a)(b), 279(a), 280(2), 289 u 579 tal-Kodiċi Kriminali, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha w tikkundannah għal **sitt (6) snin prigunerija.**

Inoltre` filwaqt li tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tiegħu kif mogħti b'digrieti tal-5 ta' Lulju, 2019[65] u tal-10 ta' Marzu, 2016, tordna il-konfiska tas-somma komplessiva ta' €10,000 kif ordnat bid-digriet dwar ħelsien mill-arrest mogħti mill-Imħallef Dr. Aaron Bugeja fil-5 ta' Lulju, 2019[66] kif ukoll il-konfiska tas-somma komplessiva ta' €15,000 skond digriet dwar ħelsien mill-arrest mogħti mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri fl-10 ta' Marzu, 2016.[67]

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qegħda tordna lill-imputat iħallas l-ammont ta' **€1,402.78** rappreżentanti l-ispejjeż peritali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

[65] **Dok.AD1** a fol.99-100 *tergo*
[66] Ibid.
[67] **Dok.AD2** a fol.101